servizz pubbliku

# Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati (CSA)

## MIN AĦNA

L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati (CSA) hija impenjata li tipprovdi servizzi effiċjenti, effettivi, u ta' l- ogħla kwalità lill-membri tal-Ġudikatura u lill-pubbliku. L-għan ewlieni tagħha huwa li tipprovdi amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja billi tiżgura li l-qrati joperaw b'mod f'waqtu, trasparenti u professjonali, filwaqt li jiġu onorati l-prinċipji tal-indipendenza, imparzjalità u aċċess għall-ġustizzja.

Fit-twettiq ta' din il-missjoni, l-Aġenzija tipprovdi lill-membri tal-Ġudikatura bir-riżorsi amministrattivi, loġistiċi u teknoloġiċi kollha meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet ġudizzjarji. Dan jinkludi l-ġestjoni tar-reġistri tal-qorti, l-arkivji, is-sistema diġitalizzata tal-każijiet, il-faċilitajiet tal-awli kif ukoll l-għodda u servizzi kollha meħtieġa sabiex l-membri tal-Ġudikatura ikun jistgħu jaħdmu b'mod xieraq u effiċjenti.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://ecourts.gov.mt/onlineservices*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 20 minuta f'ċirkustanzi normali. Madankollu, iż-żmien ta' stennija jista' jvarja għal kawżi li jeħtieġu digrieti tal-qorti li jiddependu fuq il-membri tal-ġudikatura.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 8 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *info.courts@courtservices.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun igarantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 7 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 112, Malta
- Qrati tal-Ġustizzja (Għawdex), Pjazza Katidral, ir-Rabat, Għawdex
- Ħinijiet al-ftuħ:
  - **Reġistru tal-Qorti għall-preżentazzjoni tal-Atti**: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: (1 Ott-15 Ġunju) 09:00-15:00; (16 Ġunju-30 Sett) 08:00-12:00 Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
  - **Impjegati tal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: (1 Ott-15Ġunju) 09:00-15:00; (16 Ġunju-30 Sett) 08:00-12:00 Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://courts.gov.mt/mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *https://ecourts.gov.mt/onlineservices/Contact* Malta +356 2590 2153: Gozo +356 2590 2700
- Permezz tal-midja soċjali: